
MONS SION IN JERUSAL

Tifkira
Ta' għeluq
L-elf u disa' mitt sena
Mill-miġja
Ta' San Pawl
F'Malta.



Is-Sitt Sena LULJU - SETTEMBRU, 1960 Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




Is-Sitt Sena LULJU - SETTEMBRU, 1960 Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD


Jeħtieġ li Nafuhulu! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 65

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Il-Martri ta' Damasku (Fra Nikol O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 66
Ir-Risq ta' Jiem il-Ġimgħa ... ... ... ... ... ... ... ... 72
Ittra Apostolika tal-Papa Ġwanni XXIII Lill Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan ... ... ... ... ... ... ... ... 73
Minn Geriku għal Baħar il-Mejjet (Dun Anton Tabone) ... ... ... ... 75
L-Arpa ta' David ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 77

IT-TIENI TAQSIMA — ĊENTENARJU

Kien S. Pawl Raġel f'Saħħtu? (P.P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 78
Fejn Niżel Malta S. Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 79
Il-Grotta ta' S. Pawl tar-Rabat ... ... ... ... ... ... ... ... 85
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 90
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 95
Requiescant in Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 96


---

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il Belt.

# JEHTIEG LI NAFUHULU!

*Is-sejħa ta' niesna l-bikrija, mid-din għafsi tal-Kanghanîn għad-Din ħelu ta' Ġesù Kristu, tixbaħ wisq lis-sejħa ta' San Pawl, mid-din aħrax tal-Lhud għad-Din ħiemel tal-Iben t'Alla. San Pawl ma qalebx għad-Din Nisrani għax qagħad jaħseb u jifhem kemm kien minnu t-tagħlim tal-Evanġelju, anqas għax talab dawl 'l Alla li jgħarrfu x'kellu jagħmel; imma kif stqarr huwa n-nifsu, għax Ġesù Kristu, minn rajh, qabdu u ħatfu fit-triq ta' Damasku, u mill-akbar għadu tiegħu, għamlu, l-akbar ħabib. Ġesù ħares lejn qalb San Pawl. Taħt l-imġieba ħarxa u demmija tiegħu, lemaħ qalb safja u mħeġġa, u dik il-qalb riedha għalih, għax fis-sewwa kienet tiegħu. U dik il-ħeġġa ried jinqeda biha, f'dak l-ewwel żmien, biex jixgħel id-Dawl tad-Din Nisrani fl-artijiet ta' ma' dwar il-Palestina.*

*Hekk ukoll kienet is-sejħa ta' Malta. San Pawl kien sejjer għal xogħlu Ruma, imma Ġesù raġa' qabdu, bla ma saqsieh, u ġiebu Malta. San Pawl kien qal lil baħrin biex ma jitilqux minn Marsa-l-Ġmila, fi Kreta (Atti, XXVII, 10-11), imma Ġesù ġebilhom fehma oħra biex joħorġu minn hemm, u hekk kif ħarġu qajjem ir-riħ u l-baħar, li ħatfu l-ġifen bin-nies ta' fuqu, u dâli ġebuh Malta. Bħal ma Ġesù fil-Ġetsemni qal lill-Alla:* "M'hux li rrid jien *isir, imma* li trid Int," *hekk, bil-maqlub qal lil Pawlu:* "M'hux li trid int *isir, imma* li rrid Jien!"

*Il-ħniena għal dik il-qalb ta' rieda tajba (moħbija taħt imġieba żorra) li ġiegħlet lil Ġesù jaħtaf lil San Pawl fit-triq ta' Damasku, ġiegħlitu mill-ġdid jaħtfu mill-baħar ta' qrib Kreta u jġibu Malta, ħalli jixgħel fost l-imsejkna niesna n-Nâr li jsaħħan u jdawwal tad-Din Nisrani. Kemm kienu nies ta' qalb tajba l-Maltin ta' dak iż-żmien, jidher ċar mill-ħniena li wrew għal meħlusin mill-għarqa. Għax ma qagħdux jibżgħu għal ħatab li kellhom merfugħ għax-xogħol, imma ħarġuh, u ħarquh bil-qalb it-tajba, bla ħadd ma qalilhom, biex jaħju lil dawk li kienu fil-ħtieġa. U kemm kellhom f'moħħhom il-ħsieb tas-sema, jidher ukoll, għax malli lil San Pawl gidmitu l-lifgħa, mill-ewwel ħasbu li dak kien għedieb Alla. U meta raw li ma ġralu xejn, ma qalux li kien saħħar, imma li kien xi alla li niżel mis-sema.*

*Il-bidla ta' San Pawl mill-ħażin għat-tajjeb, ġrat bi ħsieb ħanin wieħed ta' Ġesù, bħal ma ġrat il-bidla mill-ħażin għat-tajjeb ta' niesna l-bikrija. San Pawl għaraf il-ġid u l-imħabba ta' Ġesù għalih, u ħallsu, xogħal b'xogħol u għożża b'għożża. Għal Ġesù ġera mad-dinja, inħaqar u bata, u ħamel kull xorta ta' hemm: ġugħ u għera; ħabs u swât; taħġir u għarqa, u fl-aħħar il-mewt. Kien raġel San Pawl, għax għaraf il-ġid u ħela ħajtu biex iħallsu. Hekk għamel, għax hekk kien jixraq ta' bil-ħaqq.*

*U aħna l-Maltin, x'sejrin nagħmlu? Ma għandniex, bħal San Pawl, nagħrfu l-ġid u l-ġiħ, li għamel magħna Ġesù? Ma kienx jewilla ġiħ kbir għalina, li Ġesù jisraq lil San Pawl minn Kreta, gżira kbira u mrawwma, u jġibu Malta, gżira żgħira u barbrija? Le! Jeħtieġ li nuruh lil Ġesù kemm nafuhulu! U jekk ma nagħmlux hekk, ma nkunux irġiel!*

***ID-DIREZZJONI***